MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 29/2013

**FGL Entertainment Limited**
**Vs**
**Josephine Sultana**

It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba prezentat fil-hamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) li bih il-kumpanija attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lilha s-somma ta' tlett mija u disgha u disghin ewro (€399) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata. Bl-imghax u bl-ispejjez kif mitlub.

Ra' ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, stante illi l-ammont reklamat mhux dovut u bla pregudizzju ghal din l-eccezzjoni jekk hemm xi ammont dovut dan hu inferjuri ghal dak mitlub

Ra' l-atti kollha ta' din il-kawza.

Sema’ ix-xhieda prodotta u ra’ t-traskrizzjonijiet ta’ -istess xhieda.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet differita in difett ta’ ostaklu ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-kumpanija attrici ghalqet il-provi taghha wara li resqet xhud wiehed biss lil certa Alice Abela, kontrollur finanzjarju ta’ l-istess kumpanija. Din spjegat illi l-ammont reklamat kien in konnessjoni ma’ xiri ta’ laptop computer. Il-konvenuta nghatat il-fakulta li thallas dan il-computer bin-nifs u ghal dan il-ghan saret standing order ma’ bank lokali fejn il-kumpanija attrici setghet tithallas hamsin Ewro (€50) mensilment. Sar depozitu u zewg hlasijiet ohra wiehed ta’ hamsin Ewro u l-iehor ta’ mitt Ewro u ma saru l-ebda pagamenti ohra. Ghalhekk mill-prezz tal-bejgh ta’ hames mija u disgha u disghin Ewro (€599) kien fadal bilanc ta’ tlett mija u disgha u disghin ewro (€ 399) – l-ammont mitlub f’din il-kawza.

Fis-seduta riservata ghall-provi tal-konvenuta, din la deheret fis-seduta u lanqas tablet differiment. Quddiem it-Tribunal kellu biss nota tal-avukat difensur tal-konvenuta li permezz taghha rrinunzjat ghal patrocinju taghha. Id-difensur tal-kumanija attrici talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Dan it-tribunal iddeferixxa din il-kawza ghas-sentenza in difett ta’ ostaklu, izda sal-lum l-ebda ostaklu ma gie sollevat.

Illi minn l-assjiem tal-provi kemm orali kif ukoll dokumentarji, t-talba attrici tidher gustifikata u timmerita li tigi akkolta fl-interezza taghha.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa it-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta; jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ tlett mija u disgha u disghin

Ewro (€399) kif mitlub, bl-imghax mid-data ta’ dan l-avviz l-quddiem. L-ispejjes kollha jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------